# 60 Sena mill-Festi Ċentinarji tal-Labtu - 1951

*Minn Christian Pace*

Fl-1951 l-Ordni Karmelitana kienet qiegħda tiċċelebra l-1700 sena mid-dehra tal-Madonna u l-għotja tal-Labtu lil San Xmun Stock. Kien għalhekk illi 60 sena ilu, kienu saru festi speċjali fil-Belt Valletta li bdew b'lejl Karmelitan fuq il-Fosos tal-Furjana nhar it-30 ta' Ġunju u laħqu il-qofol tagħhom nhar is-16 ta' Lulju.

**Tħejjija għall-Festi**

It-tħejjijiet għall-Festi Ċentinarji tal-Labtu bdew f'Awissu 1950 fejn kull tieni ġimgħa tax-xahar kien isir diskors fuq ir-radju minn persuni differenti, fuq il-Labtu. Fil-Bażilika Santwarju tal-Belt, kull tieni Erbgħa tax-xahar kienet ukoll issir konferenza fuq it-tifsir u l-privileġġi, kif ukoll l-obbligi tal-Labtu mill-Pirjol P. Lawrenz Sammut O.Carm. Iżda l-akbar tħejjija kienet saret fil-5, 6 u 7 ta' Diċembru 1950, meta sar il-Kungress tat-Terzjajrji kollha Karmelitani.
Dik is-sena l-Erbgħat ta' l-Udjenza kienu saru minn predikaturi differenti u bosta nies kienu jattendu għalihom. Meta spiċċaw dawn is-seba' Erbgħat kienu bdew seba' Erbgħat oħra li kellhom skop dirett ta' tħejjija għaċ-Ċentinarju.
Matul is-sena kollha il-Parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex kienu organiżżaw pellegrinaġġ lejn is-Santwarju bħala parti mit-tħejjija ta' dawn il-Festi Speċjali. L-Arċisqof ta' Malta kif ukoll l-Isqof ta' Għawdex kienu ukoll ħarġu apposta pastorali kull wieħed, biex tinqara fil-knejjes kollha ta' Malta.

**Ftuħ tal-Festi**

Il-Festi nfetħu b'lejl Karmelitan, mit-30 ta' Ġunju għall-1 ta' Lulju, li ħabat mis-Sibt għall-Ħadd. Għall-ewwel il-ħsieb tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt kien, li jagħmlu l-Lejl Karmelitan fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Huma kienu diġa' talbu u qalgħu l-permess mill-Kapitolu tal-Katidral, biex ikunu jistgħu jiċċelebraw dan il-Lejl Karmelitan fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, kif ukoll kienu qalgħu l-permess mill-istess Kapitolu biex jieħdu l-istatwa tal-Madonna fl-istess Kon-Kattidral għall-funzjoni tal-Lejl. Dan il-Lejl Karmelitan kellu jikkonsisti f'Korteo minn ħdejn il-Bażilika tal-Karmnu sa San Ġwann li jitlaq fid-9.30 ta' filgħaxija, wara li jgħaddi minn Triq



*Il-Kleru ħdejn it-Teatru Rjal ħiereġ għal fuq il-Fosos.*



*Il-vara tal-Madonna tal-Karmnu f'nofs baħar ta' nies quddiem it-Teatru Rjal*



*Il-Fosos ħuġġieġa b-eluf ta' xemgħat li tqassmu dak inhar.*

il-vara bix-xewqa li jerfgħu biċċa, b' mod speċjali il-Furjaniżi. Malli l-Madonna ntrefgħet fuq l-ispallejn, instemgħet ċapċipa qawwija minn dawk il-ħlejjaq ta' nies, u fl-istess ħin instama' l-kant ta' l-innu tas-seba' Ċentinarju. Hekk għall-ewwel darba l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu iddaħħlet fil-knisja ta San Publju ġewwa il-Furjana.

**Ir-Ritorn tal-Madonna lejn is-Santwarju Tagħha**

L-għada, il-Ħadd 1 ta' Lulju, il-Madonna ġiet meħuda mill-ġdid mill-knisja ta' San Publju għall-Bażilika Santwarju tagħha tal-Belt proċessjonalment. Ħadu sehem f'din il-proċessjoni, barra mill-patrijiet Karmelitani, it-Terzjarji Karmelitani u l-Fratelli tal-Karmnu u ta' San Ġuzepp li huma mwaqqfin fl-istess Bażilika tal-Karmnu tal-Belt. Mill-knisja ta' San Publju sas-Santwarju tal-Karmnu, it-triqat minn fejn għaddiet il-purċissjoni, kienu maħnuqin bin-nies. Il-purċissjoni mexxiha il-W.R.P. Provinċjal Bernanrd Farrugia, O.Carm.

**In-Novena tal-Madonna tal-Karmnu**

Billi wara in-novena kellu jsir Tridwu Solenni, n-novena bdiet fit-2 ta' Lulju u mhux bħal ma tibda is-soltu fis-6 ta' Lulju.

In-Novena kienet saret minn predikaturi differenti, fejn kull predikatur kien spjega suġġett relatat fuq il-Labtu. Filgħaxija kienet titkanta il-Kompieta, imbagħad il-priedka. Wara l-priedka kienet tingħad il-Kurunella tal-Madonna tal-Karmnu, u wara l-Kurunella kienu jitkantaw bl-orkestra, *Salve Regina*, Litanija tal-Madonna, *Flos Carmeli*, u Barka Sagramentali. Fl-aħħar, kien jitkanta l-innu tas-Seba' Ċentinarju.

Fl-aħħar ġurnata tan-novena filgħodu, li kien l-Erbgħa, 10 ta' Lulju, saret Quddiesa bi Tqarbina ġenerali għat-tfal bniet ta' l-Iskola tal-Gvern il-Belt.

**It-Translazzjoni Solenni**

In-novena spiċċat fil-11 ta' Lulju filgħodu u dak in-nhar stess filgħaxija saret t-Translazzjoni solenni tar-Relikwija mill-Oratorju tal-fratelli tal-Karmnu għall-Bażilika. It-Translazzjoni



*Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi jqarben lin-nies taħt it-tribuna li nbniet apposta għall-okkażżjoni.*



għamilha l-E.T. Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi, u kien assistit mill-Monsijuri Ġuzeppi Mifsud u Ġużeppi Formosa. Wara t-Translazzjoni solenni tar-Relikwija, sar l-Għasar solenni mill-W.R. Provinċjal P. Bernard Farrugia Ph.D. O. Carm, kompieta kantata, Salve Regina, Litanija tal-Madonna, Antifona, u Barka Sagramentali. Il-mużika kienet immexxija mis-Surmast Paolo Nani.

**It-Tridwu Solenni**

L-għada, fit-12 ta' Lulju, inbeda t-tridu solenni. Matul dawn il-jiem bosta nies resqu lejn is-Santwarju biex jieħdu sehem fil-festi kbar li kienu qegħdin isiru. Barra min hekk bosta qassisin urew ix-xewqa li jqaddsu f' din il-knisja fil-ġranet tal-festa. Għalhekk kien isir bosta quddies fuq kull artal. Kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija kienet issir quddiesa solenni bil-paniġierku, minn bosta saċerdoti mistiedna.



*Pontifikal tal-1951 min Mons. M. Gonzi Arċisqof Metropolitan ta' Malta*

**Lejliet il-Festa**

Nhar il-15 ta' Lulju, fis-6.30 ta' filgħodu kienet saret quddiesa bi tqarbina ġenerali għall-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu. Fis-7.30 ta' filgħodu kienet tkantata il-Prima mill-Komunita' Karmelitana u tħabbret is-Solennita tal-Madonna tal-Karmnu. Fid-9.30 ta' filgħodu tkantata t-Terza u wara beda l-Pontifikal minn Mons. Emanuel Galea, Isqof ta' Trallesu, Vigarju ġenerali ta' Malta. Mons. Mikiel Cefail, Arċipriet ta' San Ġorġ ta' Għawdex, kien niseġ paniġierku sabiħ ħafna, fuq it-tifkira ta l-Inkurunazzjoni. Wara kienet saret it-tifkira ta' l-Inkurunazzjoni li issir kull sena, u tkanta it-Te Deum.

Fis-6.00 ta' filgħaxija l-Komunita' Karmleitana, marret għall-Arċisqof fil-palazz tiegħu biex takkompanjah sal-Bażilika, fejn għamel l-Għasar Pontifikali assistit mill-Kapitolu tal-Kattidral. Meta spiċċa l-għasar l-funzjoni tkompliet bil-kant tas-Salve Regina, Litanija tal-Madonna, Flos Carmeli, u Barka Sagramentali.

**Jum il-Festa - Is-16 ta' Lulju**

Wara li fit-3.30 ta' filgħodu ndaqq il-Pater Noster, il-bieb tal-Bażilika kien infetaħ u minnufih il-knisja intliet bin-nies u ħarget l-ewwel quddiesa. Minn dak il-ħin sal-Quddiesa Pontifikali saru kwantita' kbira ta' quddies, fuq l-artali kollha inkluż l-artali tal-ġnub.

Fid-8.45 ta' filgħodu, il-komunita' ħarġet mill-Bażilika, u marret lejn il-Palazz ta' L-Arcisqof biex takkompanjah u twasslu sas-Santwarju. Kif l-Arċisqof wasal, wara vista lil Ġesu' Sagramentat, poġġa fuq it-tron li kien imħejji apposta taħt il-Kwadru Inkurunat, u minnufih bdiet titkanta t-Terza mill-komunita' Karmelitana. Malli spiċċa l-kant tat-Terza beda solennament il-Pontifikal, waqt li l-kapitolu tal-Katidral kien jassisti b'ilbies sagru.

Fil-Pontifikal, L-Epistola u l-Vanġelu, tkantaw minn fuq il-pulptu, skond ir-rit Karmelitan u ukoll kienu intużaw il-flabelli. Wara l-Vanġelu, l-Mons. Emauel Galea, Isqof ta' Tralles niseġ paniġierku sabiħ fejn fih semma l-kliem tal-Papa li mar isejjaħ l-Iskapular tal-Karmnu, garanzija tas-salvazzjoni tagħna.

Fl-4.00 ta' wara nofsinhar il-P. Lett. Accursio Xerri O.F.M. għamel paniġierku sabiħ ħafna. Wara, ingħatat il-Barka Sagramentali, tkanta l-Għasar u l-Kompieta u bdiet ħierġa il-Purċissjoni.
Bosta nies kienu akkumpanjaw fil-Purċissjoni. L-ewwel li mxew kienu l-iscouts u warajhom bosta tfal zgħar bniet libsin ta' anġli, u kull waħda iżżomm f'idejha skrizzjoni. Imbagħad kienu imxew il-Konfraternitajiet ta' l-Anġlu Kustodju, ta' San Ġużepp, il-Konfraternita' tal-Karmnu taż-Żurrieq (li kien fiha 97 fratell), il-Konfraternita' tal-Karmnu tal-Karmelitani Skalzi ta' Birkirkara, u fl-aħħar il-Konfraternita' tal-Karmnu tal-Belt. Warajhom kien hemm it-Terzjarji Karmelitani li magħhom ħadu sehem ukoll it-Tereżjani ta' Birkirkara. Fl-aħħar imxew il-Patrijiet Karmelitani u l-Karmelitani Skalzi flimkien. Il-Purċissjoni kienet immexxija mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex assistit mill-W.R. Kan. Prof. E. Coleiro u mill-Kurat Kan. Bartoli Galea tal-Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt. Quddiem il-vara tal-Karmnu, l-iskola Cantorum ta' San Ġakbu, kienet tkanta matul it-triq innijiet Marjani. Wara l-vara kien hemm numru sabiħ ta' devoti jimxu ħafjin u jgħidu r-rużarju kif għadu jkun hemm sal-lum.
Żgur li l-isbaħ parti tal-Purċissjoni kienet x' ħin l-vara waslet fit-triq tal-knisja. Il-Madonna milquta minn riflettur qawwija, kienet qisha tidher f' viżjoni. Mil-'louspeakers' kien jinstema' l-leħen tas-Sur Ġuże' Schembri jgħid invokazzjonijiet l-iktar sbieħ lill-Madonna tal-Karmnu, u wara kull invokazzjoni flimkien ma' xi membri tal-Mużew, ikantaw strofa mill-Kurunella tal-Madonna.
Il-folol ta' nies wara l-Madonna kienu hekk kbar illi qabel ma daħlet il-vara ġiet imdawra lejn in-nies bħala tislima. Kif il-vara daħlet fil-Bażilika, inbdiet titkanta l-antifona "Flos Carmeli" bl-orkestra; imbagħad tkanta Te Deum bħala għeluq taċ-Ċentinarju tal-Labtu, il-Barka Sagramentali u fl-aħħar tkanta l-Innu taċ-Ċentinarju. B'hekk ingħalqu l-festi kbar li kienu saru f' għeluq is-seba' mitt sena mill-għoti tal-Labtu Mqaddes lil San Xmun Stock.

**Sett ta' Bolli Kommemorativi tas-VII Ċentinarju tal-Labtu**

Waħda mill-isbaħ tifkiriet ta' dan iċ-Ċentinarju, huma l-bolol kommemorattivi li inħargu għall-din l-okkazjoni speċjali. Dan is-sett ta' tlett bolol kien juri ix-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu li ġiet inkurunata solennament mill-Vatikan, nhar il-15 ta' Lulju 1881. Dawn il-bolol kienu tas-sold ta' lewn aħdar, ta' tlett soldi lewn vjola u ta' xelin, lewn sewdieni. Il-ħarġa tal-bolli kommemorattivi kienet idea tal-Pirjol P. Lawrenz Sammut.


Referenzi:
P. Lawrenz M. Sammut, O.Carm, ''Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta''.
Il-Website tal-Provinċja Karmelitana f' Malta - www.karmelitanimalta.org/
Il-Website tas-Santwarju Ba¿ilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta - http://talkarmnu-valletta.webs.com/





*L-ewwel sett bololl Marjani Maltin u bil-permess tar-Reġina Elizabetta II, il-wiċċ tagħha ma deherx fuq il-bololl*